Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 15**
**Il-Hamis 30 ta'Lulju 2020**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Harget 18:55)
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

15.1.01 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti.

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

15.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-14 ittieħdu bħala moqrija. Saret korrezzjoni fil-minuti 14.7.01 u 14.8.01
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

15.3.01 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 602 : C -2020 Fw - "Upgrading of Swatar Junction" fejn tat spjegazzjoni tal-proġett għall roundabout biex tiffaċilita d-dħul jew ħruġ gos-Swatar fil-parti amministrata minn B'Kara konfini ma'dik tal-Imsida .

15.3.02 B'referenza għall-minuti 6.5.14 dwar il-bankina ta' Triq Clarence ħdejn il- Mużew, Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mill 605 : C -2020 "Proposed Change in building alignment" u kompliet tagħti id-dettalji fuq il-kontenut.

15.3.03 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 653 : C -2020 Skema Finanzjarja 5/2020 fejn spjegat li Regjun Ċentru għadu kif approva pakkett ta ' fondi fejn il-kunsill għad rrid jiddiskuti aktar il-quddiem biex jiddeċiedi kif jista' jibbenefika minn dawn l-iskemi.

15.3.03 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda proposti minn kumpanija biex jiġi ntrodott mingħajr spejjez għall-kunsill ċinema fuq il-baħar ġewwa d-daħla bejn il-pjazza u l-ġnien go Misraħ San Guzepp fejn spjegat lil kunsilliera preżenti l-kunċett ta'kif dan jaħdem u possibilità ta'dokumentarju fuq l-Imsida.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament mal-kunċett li jista' jintlaqa tajjeb mill- pubbliku.

**15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

15.4.01 B'referenza għall-minuti 14.3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-ħaddiema tal-FTZD diġà għamlu xi xogħol go f'Misraħ 5 ta'Ottubru fejn irranġaw il-Gazebo qabel il-Festa.

15.4.02 B'referenza għall-minuti 14.3.03 relatati ma'operazzjoni tad- Day Centre u t-tiġdid għal ftehim bejn il-Kunsill u l-AAKK. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li sar l-abbozz ta'ftehim li ġie maqbul u jonqos biss li jkun iffirmat.

15.4.03 B'referenza għall-minuti 14.3.04 dwar bus shelters ġodda, is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi żmien msemmi meta dawn se jkunu lesti.
Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk dan hux ftehim li sar mill kunsill għax fil-każ jitlob biex joħroġ mil-laqgħa minħabba relazzjoni mal-kumpanija msemmija.
Is-Sindku Margaret Baldacchino wieġbet li dan il-ftehim ilu bosta snin fis-seħħ, waqaf u reggha qieghed fis-sehh u kien sar ma' l-AKL filwaqt li ma kienx hemm żmien msemmi meta dawn se jkunu lesti.

15.4.04 B'referenza għall-minuti 14.4.03 dwar ħsarat fuq it-tabelli tal-Merħba go Triq Rue D'Argen is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l- Bank li qed jiffinanzja dawn it-tabelli xorta ma tax approvazzjoni li ssir wkoll il-parti ta'wara bil-kliem Saħħa ghalhekk, kif deċiż f'seduta preċedenti din se jagħmilha il-kunsill.

15.4.05 B'referenza għall-minuti 14.4.04 dwar il-Byelaw għall xorb alkoħoliku., is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li din ġiet approvata mill-Ministru u tinsab għall-vetting mill-Legislation Unit . Meta dan il-proċess ikun komplut id-dipartiment jibgħat il-kopji tal-Byelaw biex ikunu iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv fejn imbagħad il-Ministru jkun jista' jawtorizza dawn għall pubblikazzjoni.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa x'jkun imiss wara dan il-proċess.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li kif din tkun fis seħħ għandhom jitqassmu avviżi biex jeħlu go kull ħanut u fejn ikun hemm bżonn ssiru tabelli apposta fit-toroq.

15.4.06 B'referenza għall-minuti 14.4.07 dwar il-parkeġġ abbużat minn kumpanija kummerċjali go Misraħ 5 ta'Ottubru s-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-kunsill kienx kiteb lill-Kummissarju tal-pulizija

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien għadu ma sarx minħabba li għandu bżonn numru ta'ritratti fi ġranet u ħinijiet differenti biex jiġu annessa wkoll.

15.4.07 B'referenza għall-minuti 14.4.08 dwar il-problema ta'aċċess għal garaxxijiet ġol parti li ngħalqet fi Triq Achille Ferris, is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk ir-residenti jistgħux ikollhom kuntatt ma min hu responsabbli.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dak li seta' jagħmel il-kunsill ġa għamlu fejn huwa konfermat li din hija problema privata. Jekk ir-residenti irridu jkunu jafu aktar dettalji għandhom jistaqsu lis-sidien li qabdu perit privat biex jieħdu ħsieb u kif dan ġa avża li ma għadux responsabbli huwa iżda kumpanija ta'periti differenti.

15.4.08 B'referenza għall-minuti 14.4.09 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta għall applikazzjoni għal d-disable parking komuni go Triq Victor Denaro.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġiet approvata.

15.4.09 B'referenza għall-minuti 14.4.10 dwar il-proġett ta-drenaġġ go Triq Xatt Ta'Xbiex. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xogħol mistenni jibda fil-ġranet li ġejjin u residenti ġa huma mgħarrfa.

15.4.10 B'referenza għall-minuti 14.4.11 dwar katusi tal-bejt ma' binja go Triq Makna ta' Serrar, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żvilupp u jekk il-kunsill tkellimx mas- sid.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li kien għadu ma'marx jara l-katusi. Filwaqt li ma hemmx xejn speċifikat kif il-katusi tal-bejt jarmu għall-barra se jara x'jista' ssir u <staqsa >min huwa is-sid.

Mizjuda:<staqsa >

15.4.11 B'referenza għall-minuti 14.4.12 biex issiru bollards u jingħalaq l-aċċess għal vetturi go Misraħ San Guzepp, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hux ser issiru il-bike racks
is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ma jistax ssiru għax ġie osservat li qed jidħol il-bowser ta'tisqija kmieni filgħodu. Filwaqt li fil-mument hemm wkoll xi permessi għall makkinarju fil ġnien relatat ma' xogħol ta'sampling għall-proġetti tal-IM u ieħor ta'TM.

15.4.12 B'referenza għall-minuti 14.4.14 dwar il-plakka tal-monument taż-żgħażagħ. is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ntalbet stima mingħand min kien għamel dan ix-xogħol meta sar il-monument.

15.4.13 B'referenza għall-minuti 14.4.19 dwar kemm kien hemm ċitazzjonijiet fuq skart., is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti l-kunsill talab għall din l-informazzjoni bejn Jannar u Ġunju 2020 mingħand il-LESA fejn matul il-ġurnata waslet risposta li ngħataw 5 biss.

15.4.14 B'referenza għall-minuti 14.5.02 dwar xi attivitajiet li jistgħu ssiru għas- Sajf fil-Pjazza, is-Sur Jean Claude Borg għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-programm ta' attivitajiet huwa lest.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew l-iżviluppi riċenti tal-Covid 19 u l-possibilitajiet ta'restrizzjonijiet ġodda. Kien hemm qbil unanimu fl-interess tal-pubbliku biex jekk is-sitwazzjoni tkompli tiżviluppa għall-agħar dawn għandhom jitħassru jekk is-sitwazzjoni ma tippermettix.

15.4.15 B'referenza għall-minuti 14.5.03 dwar il-funtani., is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li beda x-xogħol fuq il-monument tal-ħaddiema.

15.4.16 B'referenza għall minuti 14.5.06 Is-Sur Alfred Farrugia qal li is-sitwazzjoni fil-Misraħ u ħdejn il-Knisja baqgħet l-stess.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li se tagħmel kuntatt mal-Cleansing Department u tara jekk dawn għadhomx issiru.

15.4.17 B'referenza għall-minuti 14.5.07 dwar it-talba għall-road humps go Triq L-Zamenhof. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li din ġiet approvata minn TM.

15.4.18 B'referenza għall-minuti 14.5.08 dwar it-talba minn residenti għall-road hump minħabba sewqan esaġerat go Triq Johnny Catania k/m Triq it-Tabib R.Naudi, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni ma'TM.

15.4.19 B'referenza għall minuti 14.5.16 dwar l-attivitajiet ta'tombla matul is-sajf mill-klabb tal-boċċi., is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-kunsill jistax jirtira l-permess minħabba l-żviluppi riċenti ta' Covid 19.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li sakemm jkunx hemm direttiva speċifika mhemmx ghalfejn jigi rtirat il-permess iżda huwa fl-obbligu tal-organizzaturi li jaraw li dak mitlub mill-awtoritajiet tas-saħħa jkunu osservati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jista’ ssir huwa li tinġibed l-attenzjoni tal-kumitat bhala l-organizzatur responsabbli biex jieħdu ħsieb jimxu skont dwak l-istruzzjonijiet maħruġa mill-awtorità tal-logħob u dipartiment għas-saħħa.

15.4.20 B'referenza għall-minuti 14.5.19 dwar l-applikazzjoni għall-proġett Slow Streets, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-perit mqabbad biex ssir l-studju ħalli jkunu identifikati dawk it-toroq li ikunu jistgħu jingħalqu temporanjament għall-iskop ta'użu aħjar mill-pubbliku waqt ċertu ġranet , ħinijiet jew okkażjonijiet.

15.4.21 B'referenza għall-minuti 14.5.20 dwar il-proġett Spinning Photos,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li beda ix-xogħol fuqu.

15.4.22 B'referenza għall-minuti 14.5.22 dwar il-proposti għal-parkeġġ go Triq il-Wied, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Works Department ġew mgħarrfa bl-għażla ta'proposta numru 2.

15.4.23 B'referenza għall-minuti 14.6.01 dwar l-għażla tal-offerta għas-sejħa KLMsd 1 2020.Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li din tinsab fil-fażi finali tal-proċedura mandatorja għall xi appell. Wara li jiskadi dan il-perjodu jista’ jiġi ffirmat il-kuntratt għal manutenzjoni ta’dawl fit-toroq residenzjali.

**15.5 Items oħra ta’ Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

15.5.01 B’referenza għall-minuti 86.4.19 tal-leġislatura seba’ u dawk segwiti sa minuti 11.3.02 ta' leġislatura tmienja. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 647 : C -2020 mibgħuta mill uffiċju legali fi dan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li wara li sar ir-rapport ta'verifika mill-perit u kjarifika tal-Kunsill dwar ix-xogħlijiet tal-Kuntrattur, id-dipartiment għamel is-segwiti osservazzjonijiet.

Filwaqt li ġie konfermat mir-rapporti li ma hemm l-ebda negliġenza amministrattiva, qiegħed jiġi emfasizzat il-punt li l-Kunsill jrid jaddotta sistema aħjar ta’ checks and balances aktar rigorużi fil-konfront tal-kuntratturi li jqabbad sabiex sitwazzjonijiet bħal dawn jiġu evitati.

Importanti ukoll illi l-Kunsill jirkupra b’mod sħiħ dawk l-ispejjeż żejda li saru, u li l-kuntrattur qal li ser jrodd lura, u jekk jħoss il-ħtieġa, jitlob l-parir tal-avukat tal-fiduċja tiegħu, sabiex jieħu kull azzjoni neċessarja biex jiġu salvagwardati l-interessi tal-Kunsill. Għaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni mibgħuta mill-Kunsill, u wara li saru l-kunsiderazzjonijiet kollha neċessarji, dan il-każ qiegħed jiġi meqjus bħala magħluq. Is- Sindku kompliet li tispera li min prova jhammeg lil xi membri tal-Kunsill hadha r-risposta.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li filwaqt li jaċċetta il-konklużjoni ta'Diviżjoni għall- Gvern Lokali josserva wkoll li kif ġie miktub il-kliem jista’ jindika li kien hemm xi żbalji li saru mill-kunsill.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li bħala kunsillier fl-esperjenza tiegħu jħoss li kull membru tal-kunsill minkejja opinjonijiet differenti ,fil-maggor parti dejjem ħadem f'għaqda għall-interess tal-lokalita fejn hekk għandu jkun. Iżda meta tqajjem dan il-każ kien qagħad lura milli jitkellem minħabba li fl-opinjoni tiegħu dan kollu seta’ ġie evitat. Hawn spjega li b'dispjaċir osserva l'aġir xejn korrett minn persuna li riedet tagħmel dell ikrah fuqu jew anke oħrajn minkejja li din kienet ġa taf bil-provi li kien hemm ammont dubjuż iżda ħalliet lill-kunsill fil-għama billi flok tkellmet u waqfet li dan il-pagament ssir, sar bil-kontra.<Għalhekk dawk l-ex-kunsilliera ta'leġislatura preċedenti għandhom ikunu mgħarfa bil-konklużjoni tal-każ>.

Mizjuda:<<Għalhekk dawk l-ex-kunsilliera ta'leġislatura preċedenti għandhom ikunu mgħarfa bil-konklużjoni tal-każ>

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-kuntest tal-affarijiet kollha ħa kull azzjoni neċessarja biex ssir il-verifika ta'kollox u refa’ kull responsabiltà għall-dawn. Tajjeb li wieħed jara li jiġu osservati ċertu proċeduri li ġa hemm stabbiliti fil-kunsill ħalli ma jkunx hemm ripetizzjoni. Hawn għarraf lill Kunsilliera preżenti li waqt laqgħa li saret mas- Sindku Margaret Baldacchino Cefai u Sur Selvaggi ġew diskussi il-kontijiet pendenti tal-kuntrattur u konfermat li dan qed jrodd lura permezz ta' Credit Notes dawk l-ammonti dovuti lill-kunsill biex jitnaqqsu kontra dawk l-ammonti dovuti lilu. Għalhekk filwaqt li se jitlob biex jipproċedi biex imexxi qed jitlob wkoll lill kunsill jieħu deċiżjoni fuq jekk jitkompliex ssir l-evalwazzjoni għas-sejħa għall tender fejn il-kuntrattur kien l-uniku applikant. Din kienet ġiet iffriżata minħabba il-każ u l-kunsill għandu jikkunsidra wkoll jekk ir-rati stmati għadhomx validi minħabba iż-żmien li għada.

Is-Sur Emanuel Brincat ppropona, s-sekondat mis-Sur Maurice Agius biex il-kuntrattur jintalab jikkonferma li għad hemm interess għas-sejħa b’ rati li għadhom validi u jekk iva jinfetaħ il-proċess ta'evalwazzjoni skont il-kriterji mitluba.<Is-Sur Maurice Agius żied jgħid li għad hemm il-ħsara ta'targa go Triq D'Argen li suppost issewwiet mill kuntrattur halli dan jiehu hsieb>.

Mizjuda:<Is-Sur Maurice Agius żied jgħid li għad hemm il-ħsara ta'targa go Triq D'Argen li suppost issewwiet mill kuntrattur halli dan jiehu hsieb>.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li dawn huma għall rati ta' xogħol li jista’ jkun hemm bżonn issir.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex jitlestew il pagamenti dovuti lill kuntrattur u jintalab jikkonferma ir-rati qabel ma jinfetaħ il-proċess għall-evalwazzjoni tat-tender.

15.5.02 B'referenza għall-minuti 14.4.16 dwar it-tender tal-ġonna, is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera preżenti li l-valur stmat ma għandux jkun mqabbel ma' tenders preċedenti. Il fattur ewlieni jidher li huwa l-ilma tal-bowser fejn qabel kien sostnut minħabba il-firxa ta'riżorsi u kuntratti ma’ bosta dipartimenti li kellu l-operatur ewlieni ta'dak iż-żmien. Iżda fil-kalkolu ta'stimi provduti riċenti il-ħlas għall-servizzi ta’ tisqija minn bowser rrid jiġi rivedut u l-estimi għall-manutenzjoni tal-ġonna irridu jiżdiedu.

Is-Sur Alfred Farrugia spjega li madwar l-Imsida hemm kwantità sostanzjali  ta' pots,planters u central strips li mhux possibbli jkun hemm irrigation.Ghallhekk hemm bżonn tal-inqas ssir tisqija għall darbtejn fil-ġimgħa sakemm ma'jkunx hemm xita.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jekk jeħtieġ l-estimi għandhom jiżdiedu.

15.5.03 B'referenza għall-minuti 13.4.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li tkellmet mar-rappreżentant tal-AAKK fejn ġiet infurmata li s-servizz ta'Tuk Tuk issa nbidel ma’ servizz ieħor ta'karozzi bl-istess rotta fil-konfini tal-Imsida, fejn zdiedet sa Mater Dei biss. L-anzjani jistgħu jagħmlu kuntatt fuq l-stess numri ta'qabel. Hawn kompliet tispjega li hemm pjan biex dan is-servizz jibda ssir minn vetturi tal-elettriku u jkunu stazzjonati fid-dar għall-anzjani meta ix-xogħol ta'kostruzzjoni meħtieġ ikun lest. Iżda sakemm dan ssir se jkun hemm bżonn għall żmien temporanju spazju ta'parkeġġ u charging point ċentrali biex dawn ikunu jistgħu jibdew joperaw.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li dawn jistgħu ssiru f'Misraħ 5 ta'Ottubru viċin tal-latrina fejn ikun jista' jitwassal id-dawl għall-charging points.Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex dawn ssiru hemm.

15.5.04 Is-Sur Maurice Agius qal li d-disabled parking ħdejn il-knisja qed tkun abbużata b'mod regolari minn vettura partikulari u staqsa jekk din tistax ssir 24/7.
Il-kunsill ddiskuta u qabel unanimament biex TM jintalbu japprovaw li din id-disabled parking bay tinqaleb għall-użu pubbliku 24/7 minflok għall waqt il-quddies biss.

15.5.06 Is-Sur Alfred Farrugia ilmenta li meta residenti jipprova jċempel il-kunsill minkejja li dan ikun qed idoqq ħadd ma jirrispondi għax skont ma huwa infurmat , meta jkun hemm linja okkupata dan jiġi on hold u jibda jagħmel call forwarding sakemm ssib linja jew xi ħadd jirrispondi. Iżda ir-residenti dan ma jkunux jafu bih u jaħsbu li ħadd mhu qed jirrispondi. Kważi ahhar ikun qed jidher okkupat u jerġgħu jipprovaw wara.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-problema hija meta l-linji ta' min jkun xogħol ikunu okkupati iżda ma jkunx hemm min jista' jirrispondi linji oħra. Min naħa l-oħra meta dawn kienu juru li okkupati ġieli daħlu ilmenti li l-apparat jista' jkunx postu. Hawn ħa nota biex jara x jista' ssir aħjar.

15.5.07 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar  l-apparat tal-arja kundizzjonata tas-sala u ppropona biex dan jinbidel sas-seduta li jmiss.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan flimkien ma dak tal-uffiċju tas-sindku huma ppjanata biex jinbidlu iżda ma jaħsibx li dan huwa possibbli sas-seduta li jmiss.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex jinġabu stimi ħalli dawn ikunu jistgħu jinbidlu.

15.5.08 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar l-istat ħażin ta'wiċċ Triq il-Baċir k/m Triq Xatt l-Imsida fejn spjega li wara bosta llmenti li kienu qed jaslu l-kunsill u bosta kommunikazzjoni ma' I.M. dawn ingħataw l-attenzjoni meħtieġa fejn fl-ahhar saret il-manutenzjoni neċessarja inkluż wiċċ ta' tarmak  ġdid.

15.5.09 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar periklu kawżat minn sewqan esaġerat go parti minn Triq il-Wied filwaqt li lill-kunsill jikkunsidra japplika għall- calming measures u ssir stop sign

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

15.5.10 Is-Sinjura Judy Sciberras talbet lill kunsill jikkunsidra jagħmel dog bin go parti minn Rue'Dargen.
Is-Segretarju Eźekuttiv ħa nota.

15.5.11 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar ilmenti li jaslu għandna fuq il-bankina go triq bieb it-Torri fejn spjegat li din għada f'stat ħażin.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li sa fejn huwa jaf dawk il-ħsarat li kien hemm taħt ir-responsabiltà ta-servizzi ġew msewwija għall-habta ta'Marzu. Hawn kompla jispjega li minn din it-triq wżata minn bosta inġenji kbar u tqal li ma jeskludix li tista' ssir aktar ħsara filwaqt li ħa nota biex jara x jista' jkun hemm.

15.5.12 B'referenza għall-minuti 14.5.04 dwar il-possibilità li ssir crash barrier ma' central strip go Triq Mons Carmelo Zammit.Is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill Kunsilliera preżenti li l-stima telgħet għall €2902.80 inkluża VAT.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li din hija għolja filwaqt li staqsiet jekk hemmx bżonn li ssir crash barrier jew alternattiva oħra bħal bollards minflok crash barrier.

Is-Segretarju Eźekuttiv ħa'nota.

15.5.13 Is-Segretarju Eźekuttiv poġġa fuq il-mejda l-stima ta'€3481 inkluż il-VAT biex il-kunsill jerġa jibni mill- ġdid il- website uffiċjali tiegħu li ma kienetx għada taħdem u fejn din għanda tkun abbinat ma' l-app tal-kunsill u sistemi oħra ta'komunikazzjoni filwaqt li tiffaċilita aċċess għall- numru ta'servizzi online. Qabel bdiet is-seduta il-kunsilliera ingħataw dimostrazzjoni ta'kif din taħdem.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li il-website u l-applikazzjonijiet ghandhom ssiru.

**15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

15.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tas-second Qtr : Financial indicators għall bejn 1 ta'April u 30ta'Gunju 2020.

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu b'bilanċ pożittiv u qagħda finanzjarja tajba. Filwaqt li saru xi emendi fl-estimi biex jkun indirizzat dak id-dħul jew ħruġ skont iċ-ċirkostanzi preżenti jew l-andament għall dan il-perjodu mqabbel mas-sena preċedenti.

Is-Sur Charles Selvaggi osserva li l-ħruġ fuq salarji naqas minħabba li kien hemm maħsub biex tiżdied persuna iżda fil-mument għad hemm persuna inqas fl-amministrazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fattur ieħor huwa l-overtime minħabba li l-uffiċju ma kienx qed jiftaħ fil-ġurnata tas-Sibt bejn Marzu u Ġunju.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

**15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

15.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-15 ta' ħlasijiet bejn is -27 ta'Ġunju 2020 sa 26 ta'Lulju 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Charles Selvaggi u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**15.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

15.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:40 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 25 ta'Awissu 2020 fil-5:30 p.m

Minuti konfermati, illum it-Tlieta 25 ta'Awissu 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |